MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 371/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Gavin Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer l-lejl ta' bejn it-30 ta' April 2004 u l-1 ta' Mejju 2004 kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstacy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3 (1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv

Ukoll talli fl-ahhar sitt xhur qabel l-1 ta' Mejju 2004 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u jew l-Artikolu 8(d) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru, 2009, li biha, wara li rat ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985, l-artikoli 40A u 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-kap. 31 u l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101, cioe' f'dan il-kaz l-artikolu 120(2B) tal-Kap. 31 ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tmien xhur u ghal hals ta' multa ta' €468.
Il-Qorti ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti ghaliex dawn inhatru qabel is-16 ta' Jannar, 2006.
Ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata w dan billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet htija, tirriformaha in kwantu infliggiet il-piena w tinfliggi piena inqas severa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi dan huwa appell illi qed jittratta principalemt il-piena nflitta fuq l-appellant. Sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni, l-appellant ammetta l-involviment tieghu w ma llimitax ruhu biss ghall-fatti kif kienu jafuhom il-Pulizija. Jirrizulta anzi mill-istqarrija, illi l-appellant kien ghen hafna lill-Pulizija w tahom id-dettalji kollha dwar certu wiehed kunjomu Cardona li kien "uza" lill-appellant bhala mezz biex tidhol is-sustanza msemmija gewwa d-diskoteka "Axis".

Illi l-Ewwel Qorti messha qieset ahjar l-ghajnuna li ta l-appellant, liema ghajnuna pero’ ma rriflettietx fil-piena, li certament hemm lok li titnaqqas.

Ikkunsidrat :

L-aggravju tal-appellant hu limitat ghall-piena, peress illi deherlu illi l-Ewwel Qorti kienet severa wisq mieghu meta tikkonsidra illi l-appellant ikkoopera mal-Pulizija w kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Kien hemm cirkostanzi ohra fejn il-Qorti f’okkazzjonijiet simili marret taht il-minimum u ghalhekk deherlu illi fil-kaz tieghu l-Ewwel Qorti kienet severa wisq.

Issa hu principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Fi kliem iehor din il-Qorti ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondiet tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida jekk mhux addirittura impellenti sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni **(ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et. 12.05.1994, Ir-Repubblika ta’ Malta vs George Azzopardi 14.02.1989, Il-Pulizija vs Shalmer Pace 31.05.1991, Il-Pulizija vs Anthony Zammit 31.05.1991)**.

Ghalhekk din il-Qorti regghet ghamlet ezami approfondiet tal-process biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx

legalment u ragjonevolment tinflitti dik il-piena li minnha l-appellant qieghed jilmenta.

Ikkunsidrat :

Il-fatti ma jidhrux illi huma kontestati mill-partijiet. Irrizulta illi fil-lejl ta' bejn it-30 u l-1 ta' Mejju, 2004 l-appellant kien qieghed jiddeverti gewwa diskoteka Axis f'Paceville. F'xi hin qabel dahal fid-diskoteka gie avvicinat minn persuna li talbitu sabiex iddahhal mieghu gewwa d-diskoteka xi pilloli kif fil-fatt ghamel. L-appellant baqa' jfittex lil din il-persuna gewwa d-diskoteka pero' baqa' ma sabhix. F'xi hin waqt li kien qieghed gewwa d-diskoteka l-Pulizija fittxew fuq il-persuna tieghu u sabu illi kellu tnejn u ghoxrin pilloli tal-ecstasy. Il-Pulizija infurmaw lill-Ispettur Norbert Ciappara w akkuzaw lill-appellant bl-akkuzi ta' din il-kawza, li taghhom il-Qorti sabitu hati.

Kif gja inghad, l-appellant qieghed jillimita l-appell tieghu fuq il-piena. Ghid li sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni l-appellant ammetta l-involviment tieghu u ma llimitax ruhhu biss ghall-fatti kif jafuhom il-Pulizija, anzi fl-istqarrija ghin ukoll lill-Pulizija billi tahom xi dettalji dwar persuna ohra illi kien uza lill-appellant bhala mezz biex iddahhal is-sustanza imsemmija gewwa d-diskoteka.

L-appellant qieghed jilmenta wkoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qiesitx bizzejjed dan il-fatt u filwaqt li rrikonoxxiet li l-imputat ghin lill-Pulizija ma messitx imponiet dik il-piena li certament kien jisthoqlu xi haga inqas.

Ikkunsidrat :

Huwa ovvju illi dina mhi hix kwistjoni ta' apprezzament hazin. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti u lanqas dwar l-apprezzament tal-Qorti dwarhom.

Rigward il-piena l-Qorti tinnota illi dina qeghda fil-parametri tal-ligi, kwazi anqas minn norma.

L-agir tal-appellant kien wiehed serju hafna peress li l-pussess tal-pilloli kien wiehed volut u tnejn u ghoxrin

pillola go diskoteka ma kienx se jehodhom wahdu u ghalhekk kien qieghed fuq ix-xifer ta’ traffikar sakemm sabuh il-Pulizija.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-imputat dahhal il-pilloli gewwa diskoteka meta hu stess stqarr li ma jiehux ecstasy. Madankollu qieset l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 li applikatu f’zewg gradi u qieset ukoll ir-rapport tal-probation officer.

Pero’ l-appellant ma ghamilx l-ammissjoni tieghu fil-bidu tal-proceduri illi hadu b’kollox hdax il-seduta.

Il-Qorti jidhrilha ghalhekk illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kellha ragun li timponi dik il-piena li fil-fatt imponiet.

Ghalhekk din il-Qorti wara li ghamlet dan l-ezami jidhrilha illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal biex tinflitti dik il-piena illi fil-fatt imponiet u mhux il-kaz li din is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------